MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2003

Numru. 458/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JOHN BRIFFA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Briffa ta’ 50 sena imwieled Birkirkara nhar is-17 ta’ Settembru 1952 bin Emmanuel u Dolores nee Borg residenti gewwa 50 Maison Aleyin III Triq il-Fuxa San Gwann u detentur tal-karta tal-identita numru 713952M talli gewwa San Gwann bejn l-14 t’April 1998 u is-7 ta’ Dicembru 2002 b’diversi atti maghmulin b’risoluzzjoni wahda fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, bhala l-proprjetarju jew amministratur responsabbli jew konsumatur tal-fond u cioe Highway Butcher Hanut Nru 5 Triq tal-Balal San Gwann, b’mezzi qarrieqa li bihom jista jwaqqaf jew jbiddel il-kejl, tal-kwantita mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq msemmi u b’hekk ikkommetta serq ta’ dawl elettriku ta’ Lm1278.59,0 ghad-

dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bil-valur dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 264(2), 267, 270 u 18 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-5 ta’ Settembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261, 263, 264(2), 267, 270 u 18 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------